MALTA

# QORTI KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tas-17 ta' Marzu, 2003

Numru 3/2003

**Ir-Repubblika ta' Malta**
**Vs**
**Basam Mohamed**
**Gaballa Ben Khial**

Il-Qorti,

Rat l-Att tal-Akkuza numru 3 tas-sena 2003 kontra l-akkuzat Basam Mohamed Gaballa Ben Khial, li bih huwa gie akkuzat talli:

1) Wara li l-Avukat Generali ppremetta fl-Ewwel Kap li f'xi zmien fix-xahar ta' Lulju tas-sena elfejn u wiehed (2001), Basam Mohamed Gaballa Ben Khial u Khaled Abdallah imlaqqam "Kamoush" kienu ga dahlu fi ftehim bejniethom sabiex jittrafikaw id-droga herojina f'Malta u dana billi jimpurtawha f'Malta mill-Libja.
Lejn l-ahhar t'Awissu w l-bidu ta' Settembru tal-imsemmija sena 2001, dik l-assocjazzjoni ta' bejn Basam u "Kamoush" estendiet ukoll ghal fuq Thafer Idris Gaballah

Salem, kugin tal-imsemmi Basam. Kienet hekk estendiet wara li f'Lulju w Awissu tal-istess sena 2001 Basam u "Kamoush" kienu ga' rrnexxielhom idahhlu l-herojina f'Malta minghajr ma hadd minnhom inqabad mill-Pulizija Maltija.

Dawn it-tlieta min-nies issa kienu miftehmin sabiex jinvolvu ruhhom fit-traffikar u tmexxija tad-droga f'Malta. Il-mezzi li huma kkumbinaw bejniethom u ftehemu dwarhom kienu fis-sens li filwaqt li "Kamoush" jikkonsenja d-droga lil Basam gewwa l-Libja, dana kellu jiehu hsieb li ghal perjodu qasir izomm taht il-kontroll u pussess tieghu l-istess droga. Fil-bidu ta' Settembru, imbaghad, Basam kellu jahbi d-droga f'bagalja li kellha tingarr mill-Libja ghal Malta minn Thafer Idris Gaballah Salem. Basam u Thafer kellhom jivvjagaw flimkien lejn Malta, mentri "Kamoush" kellu jigi Malta qabilhom u jistennihom fl-ajruport halli mbaghad malli Basam u Thafer johorgu minn hemm, dawna jghaddu l-herojina lill-istess "Kamoush". "Kamoush" kellu kuntatti lokali fl-inhawi ta' Bugibba fejn kellu jkompli t-traffikar tad-droga.

Ta' din il-partecipazzjoni min-naha ta' Basam u Thafer, "Kamoush" kellu jaghtihom bhala kumpens somma ta' cirka ghaxart elef Dinar Libjan kull wiehed.

B'dan il-ftehim u agir tieghu, Basam Mohamed Gaballa Ben Khial irrenda ruhu hati tad-delitt ta' assocjazzjoni fit-traffikar tad-droga.

Ghaldaqstant, l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuza lill-imsemmi Basam Mohamed Gaballa Ben Khial hati talli assocja ruhu ma' persuni ohra f'Malta u ma persuni ohra barra minn Malta sabiex jimporta, ibiegh jew jitraffika medicina w droga ohra f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, jew ippromwova, kkostitwixxa, organizza jew iffinanzja din l-assocjazzjoni;

Talab sabiex jitmexxa kontra l-akkuzat skond il-ligi, w illi huwa jigi kkundannat ghal piena ta' prigunerija ghal ghomru w multa ta' mhux inqas minn elf lira Maltija (LM1000) izda mhux izjed minn hamsin elf lira Maltija (LM50,000) u l-konfiska favur il-Gvern tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli w immobbli ohra tal-persuna hekk misjuba hatja, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli

2(1), 9, 10(1), 12, 14(1)(5), 15A, 20, 22(1)(a)(f)(1A)(1B)(2)(a)(i)(3A)(c)(d), 22(f) u 26 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) u fl-artikoli 20, 22, u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li skond il-ligi tista' tinghata skond kif jigi ddikjarat hati l-akkuzat.

2) U wara li fit-Tieni Kap ta' l-Att ta' l-Akkuza, l-Avukat Generali ppremetta li in esekuzzjoni tal-pjan u assocjazzjoni furmata bejn Basam, "Kamoush" u Thafer Salem, f'xi hin bejn it-tnax u t-tlettax ta' Settembru, 2001, gewwa Benghazi u Tobruk, Libja, Basam ta struzzjonijiet lil Thafer Salem sabiex dana jippakkja bagalja appartenenti lil Basam b'xi effetti personali tieghu (cioe' ta' Thafer Salem) kif ukoll sabiex jistiva u jahbi pakkett ta' herojina kontenenti madwar nofs kilo, fl-istess bagalja.

Dejjem taht is-supervizjoni ta' Basam, Thafer Salem ha hsieb li jgorr l-imsemmija bagalja sal-ajruport Libjan ta' Benghazi minn fejn nhar it-13 ta' Settembru, 2001, rehewlha flimkien lejn Malta fuq titjira tal-Libjan Airlines numru LA 148. Waslu Malta ghall-habta tas-sitta w nofs ta' filghaxija, b'Thafer Salem dejjem igorr l-istess bagalja kontenenti l-herojina, taht is-supervizjoni ta' Basam, b'mod li t-tnejn li huma kienu konsapevoli li qeghdin jimpurtaw f'Malta kwantita' kbira ta' herojina.

Is-sustanza herojina hija kkontrollata bil-ligi that l-Ewwel Skeda Taqsima 1 tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, u ebda wiehed minn Basam jew Thafer Salem ma kellu xi awtorizzazzjoni u permess bl-imsemmija ligi sabiex ikun fil-pussess tal-imsemmija sustanza.

Illi b'eghmilu l-imsemmi Basam Mohamed Gaballa Ben Khial sar hati talli importa, gieghel li tigi importata jew ghamel xi haga sabiex tista' tigi mportata medicina perikoluza (herojina) f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) u cioe' meta ma kellux licenzja jew awtorizazzjoni mahruga taht l-imsemmija Ordinanza li tawtorizza l-importazzjoni ta' dak l-oggett.

Ghaldaqstant, l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuza lil Basam Mohamed Gaballa Ben Khial, hati talli importa, gieghel li tigi mportata jew ghamel xi haga sabiex tista' tigi mportata medicina perikoluza (herojina) f'Malta bi

ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) u cioe' meta ma kellux licenzja jew awtorizazzjoni mahruga that l-imsemmija Ordinanza li tawtorizza l-importazzjoni ta' dak l-oggett;
Talab sabiex jitmexxa kontra l-akkuzat skond il-ligi, w illi huwa jigi kkundannat ghal piena ta' prigunerija ghal ghomru w multa ta' mhux inqas minn elf lira Maltija (LM1000) izda mhux izjed minn hamsin elf lira Maltija (LM50,000) u l-konfiska favur il-Gvern tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli w immobbli ohra tal-persuna hekk misjuba hatja, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 2(1), 9, 10(1), 12, 14(1)(5), 20, 22(1)(a)(2)(a)(i)(ii), 22(2)(b)(i), u 26 (1)(2) tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) u r-regola 8 tar-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi (G.N. 292/39) u fl-artikoli 17(b), 20, 23 u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li skond il-ligi tista' tinghata skond kif jigi ddikjarat hati l-akkuzat.
3) U wara li fit-Tielet Kap ta' l-Att ta' l-Akkuza, l-Avukat Generali ppremetta li kif appena nizlu Malta nhar it-13 ta' Settembru, 2001, kif inghad fil-kap precedenti, Basam u Thafer Salem kienu xjentement fil-pussess tal-medicina perikoluza herojina bi ksur tal-ligi Maltija. Filwaqt li fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi imsemmija fil-kap precedenti, Thafer Salem kien materjalment fil-pussess tal-herojina (piz ta' madwar nofs kilo) ghaliex effettivament kien huwa li kien qieghed igorr il-bagalja bid-droga hemm mohbija, liema bagalja, pero' kienet ta' propjeta' ta' Basam, dana Basam kellu fl-istess hin u waqt il-kontroll effettiv tal-istess herojina ghaliex Thafer Salem kien qieghed jagixxi taht l-istruzzjonijiet u supervizjoni tieghu.
Is-sustanza herojina hija kkontrollata bil-ligi taht l-Ewwel Skeda Taqsima 1 tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, u ebda wiehed minn Basam jew Thafer Salem ma kellu xi awtorizazzjoni w permess bl-imsemmija ligi sabiex ikun fil-pussess tal-imsemmija sustanza.
Illi b'eghmilu l-imsemmi Basam Mohamed Gaballa Ben Khial sar hati talli kellu fil-pussess tieghu d-droga herojina li ghalija tapplika it-Taqsima IV u V tal-Ordinanza dwar

Medicini Perikoluzi, 1939 (Kap. 101) meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-esportazzjoni jew importazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza dwar Medicini perikoluzi 1939 (Kap 101) u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta u ma kienx awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi (G.N. 292/39) jew b'xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jkollu dik id-droga fil-pussess tieghu u dik id-droga ma gietx fornita lilu ghall-uzu tieghu skond ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija; b'dan li r-reat kien wiehed taht tali cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu.

Ghaldaqstant, l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi jakkuza lill-imsemmi Basam Mohamed Gaballa Ben Khial hati talli kellu fil-pussess tieghu d-droga herojina li ghalija tapplika it-Taqsima IV u V tal-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi, 1939 (Kap 101) meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-esportazzjoni jew importazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi 1939 (Kap 101) u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta u ma kienx awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi (G.N. 292/39) jew b'xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jkollu dik id-droga fil-pussess tieghu u dik id-droga ma gietx fornita lilu ghall-uzu tieghu skond ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija; b'dan li r-reat kien wiehed taht tali cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu, u dana skond it-Tielet Kap ta' l-Att ta' l-Akkuza;

Talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi jigi kkundannat ghal piena ta' prigunerija ghal ghomru w multa ta' mhux inqas minn elf lira Maltija (LM1000) izda mhux izjed minn hamsin elf lira Maltija (LM50,000) u l-konfiska favur il-Gvern tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli w immobbli ohra tal-persuna hekk misjuba hatja,

skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 9, 10(1), 12, 14(1)(5), 20, 22(1)(a)(2)(a)(i)(ii), 22(2)(b)(i) u 26 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) u r-regola 8 tar-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi (G.N. 292/39) u fl-artikoli 17(h), 23 u 533 tal-Kodici Kriminali, jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmi akkuzat.

4) U wara li fir-Raba Kap tal-Att ta' l-Akkuza, l-Avukat Generali ppremetta li fl-assocjazzjoni ezistenti originarjament bejn Khaled Abdallah "Kamoush" u Basam Mohamed Ben Khial sabiex jittrafikaw fid-droga (kif espost fl-ewwel kap ta' dan l-att ta' akkuza), kien gara episodju partikolari in esekuzzjoni ta' dik l-assocjazzjoni ghall-habta tal-ahhar ta' Lulju u l-bidu t'Awissu, 2001.

F'dak il-perjodu, b'mezzi ikkumbinati bejniethom simili ghal dawk esposti fl-ewwel kap ta' dan l-att t'akkuza, Khaled kien ta bagalja mimlija herojina lil Basam gewwa l-Libja sabiex dana jiehu hsieb jimpurtaha f'Malta, fejn imbaghad kellu jerga' jaghtiha lill-istess Khaled li jkun qieghed jistennih hawn Malta.

Kien ghalhekk li fl-4 t'Awissu tas-sena 2001, Basam gie Malta u rrnexxielu idahhal kwantita' kbira ta' herojina, cirka tlett mitt gramma ta' purita' gholja, minghajr ma gie imwaqqaf mill-Ufficjali tad-DwanaMaltija jew mill-Pulizija Maltija. Dakinhar, Basam ikkonsenja dik l-herojina lil Khaled Abdallah li kien qieghed jistennih barra l-ajruport ta' Malta. Minn hemmhekk, Khaled baqa' sejjer l-Paradise Bay Hotel fejn kien attwalment alloggjat, u eventwalment minn hemm dik id-droga sabet triqitha ghall-konsum fuq is-suq lokali klandestin u llegali. Ta' dawn l-atti maghmula b'eghmil doluz minnu, Basam Mohamed Gaballa Ben Khial ha w irceva minghand Khaled Abdallah madwar tnax-il elf Dinar Libjan bhala kumpens u hlas.

Is-sustanza herojina hija kkontrollata bil-ligi taht l-Ewwel Skeda Taqsima I tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, u Basam Mohamed Gaballa Ben Khial ma kellu ebda awtorizzazzjoni u permess bl-imsemmija ligi sabiex ikun fil-pussess tal-imsemmija sustanza, u/jew sabiex jipprokura u/jew iforni l-istess sustanza.

Illi b'eghmilu, l-imsemmi Basam Mohamed Gaballa Ben Khial sar hati talli ttraffika fil-medicina perikoluza herojina

specifikata taht l-ewwel skeda, Taqsima III, tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta u minghajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi jew minn xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga msemmija u minghajr ma kien fil-pussess t'awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza msemmija u minghajr ma kellu licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga.

Ghaldaqstant, l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi jakkuza lill-imsemmi Basam Mohamed Gaballa Ben Khial hati talli forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga herojina specifikata fl-ewwel Taqsima tal-Ordinanza dwar il-Medicini perikoluzi (Kap. 101) lil persuna jew ghal xi persuna minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta u minghajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-kontroll Intern tal-medicini Perikoluzi jew minn xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga msemmija u minghajr ma kien fil-pussess t'awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza msemmija u minghajr ma kellu licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga, u dana skond ir-Raba Kap ta' l-Att ta' l-Akkuza;

Talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u li jigi kkundannat ghal piena ta' prigunerija ghal ghomru w multa ta' mhux inqas minn elf lira Maltija (LM1000) izda mhux izjed minn hamsin elf lira Maltija (LM50,000) u l-konfiska favur il-Gvern tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli w immobbli ohra tal-persuna hekk misjuba hatja, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 8(b), 9, 10(1), 12, 14(1)(5), 20, 22(1)(a)(2)(a)(i)(ii), 22(2)(b)(i) u 26 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) u r-regola 8 tar-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi (G.N. 292/39) u fl-artikoli 17(b), 23, 20,

22 u 533 tal-Kodici Kriminali, jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmi akkuzat.

Rat l-atti kollha proceswali, inkluzi l-atti tal-kumpilazzjoni;

Rat in-nota tal-akkuzat tal-31 ta' Jannar, 2003 li biha hu ammetta l-akkuzi kollha indikati w dedotti kontra tieghu fl-imsemmi Att t'Akkuza;

Rat illi fis-seduta tal-lum l-akkuzat mistoqsi jekk kienx hati skond l-Att ta' l-Akkuza, wiegeb li kien hati;

Rat ukoll li minkejja li l-Qorti wissiet bl-aktar mod solenni lill-akkuzat bil-konsegwenzi legali tad-dikjarazzjoni tieghu w regghet tatu zmien biex jerga lura minnha skond l-Artikolu 453 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, dan xorta wahda baqa jtenni din it-twegiba tieghu li kien hati;

Semghet lix-xhieda ta' l-Ispettur Josric Mifsud u tal-hati prodotti mid-difiza dwar il-piena;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena tad-difiza w tal-prosekuzzjoni;

Rat il-verbal tal-Prosekuzzjoni tal-lum stess li bih qablet li ghal dan il-kaz huwa applikabbli l-artikolu 29 tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta u li ghal fini ta' l-artikolu 17 (h) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-ewwel zewg kapi ta' l-Att ta' l-Akkuza ghandhom jigu asorbiti fit-Tielet Kap billi dawn servew bhala mezz biex isir l-istess reat imsemmi fit-Tielet Kap;

Tiddikjara lill-Basam Mohamed Gaballa Ben Khial hati skond l-erba' Kapi tal-Att tal-Akkuza;

Ikkunsidrat dwar il-piena li l-hati kien involut f'zewg okkazzjonijiet li fihom giet impurtata f'Malta d-droga eroina u cioe' l-ewwel darba fl-4 t'Awissu 2001 u t-tieni darba meta inqabad fit-13 ta' Settembru 2001. Fl-ewwel okkazzjoni importa cirka 300 gramma ta' eroina ta' purita' gholja u fit-tieni okkazzjoni 448.9 grammi, b'purita' ta' 65%;

Li hu kien ammetta mill-ewwel l-involviment tieghu fl-importazzjoni u pussess tad-droga fiz-zewg okkazzjonijiet kemm fl-istqarrija tieghu mal-Pulizija tal-14 ta’ Settembru 2001 u din giet konfermata minnu bil-gurament quddiem il-Magistrat dak in-nhar stess u qieset ukoll li l-hati mal-ewwel opportunita’ li kellu quddiem din il-Qorti ammetta l-htija tieghu bin-nota tieghu tal-31 ta’ Jannar, 2003, ammissjoni li rega’ tenna illum stess seduta stante;

Qieset ukoll li ghar-reati in kwistjoni l-Prosekuzzjoni ddikjarat li ghandu japplika l-artikolu 29 tal-Kap 101.

Qieset ukoll l-eta’ tal-hati, l-fatt li hu wera li ddisjacih u talab mahfra kif ukoll li ilu arrestat minn Settembru 2001 in konnessjoni ma dan ir-reat, u l-fatt li kif xehed hu kien jiehu d-drogi;

Qieset ukoll il-kwalita’, l-kwantita’ tad-droga w l-purita’ taghha fit-tieni okkazzjoni w l-kwantita w l-kwalita’ taghha fl-ewwel okkazzjoni;

Qieset ukoll il-gurisprudenza tal-Qrati lokali w esteri li tirrigwarda t-tnaqqis fil-piena minhabba ammissjoni bikrija w partikolarment is-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali Inferjuri fil-kawza fl-ismijiet {Il-Pulizija vs Emanuel Testa – 17/7/2002} li fiha hemm riferenza ghal sentenzi ohra w citazzjonijiet mill-Blackstone’s Criminal Practice kif ukoll il-lista ta’ gurisrudenza lokali f’materja ta’ drogi w fejn kien hemm ammissjoni u l-applikazzjoni ta’ l-artikolu 29 fuq imsemmi, citata mid-difiza.

Qieset ukoll li l-hati impenja ruhu bil-gurament tieghu li jixhed fil-processi kriminali kontra persuni ohra involuti fil-kaz;

Qieset mill-banda l-ohra dak li ssottomettiet il-Prosekuzzjoni li kull kaz ghandu l-fatti speci tieghu w li f’dan il-kaz il-hati kien diga’ importa d-droga f’Malta fl-okkazzjoni imsemmija fir-Raba Kap qabel ma kien il-mohh fl-assocjazzjoni, importazzjoni w pussess imsemmija fl-

okkazzjoni koperta bl-ewwel tlitt kapi ta’ l-Att ta’ l-Akkuza, u dana ad distinzjoni mal-kaz l-iehor li qed jigi deciz illum;

Qieset ukoll dak li ssottomettiet il-Prosekuzzjoni li f’kull kaz irid jinghata messagg li jkun ta’ deterrent ghal nies ohra li jassocjaw ruhom biex jimportaw f’Malta drogi w sustanzi perikoluzi ghad-detriment tas-socjeta’ Maltija;

U wara li rat l-Artikoli 2(1), 8(b), 9, 10(1), 12, 14(1)(5), 15A, 20, 22(1)(a)(f)(1A)(1B)(2)(a)(i)(ii)(3A)(c)(d), 22(2)(b)(i), 26 (1)(2), u 29 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), u r-regola 8 tar-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi (G.N. 292/39), u l-Artikoli 17(b)(h), 20, 22, 23 u 533 tal-Kodici Kriminali;

Tikkundanna lill-hati Basam Mohamed Gaballa Ben Khial ghall-piena ta’ tlettax (13) il-sena prigunerija li minnhom irid jitnaqqas kull zmien li ghamel taht arrest preventiv u ghall-multa ta’ ghoxrin elf Liri Maltin (LM20,000) konvertibbli f’sena prigunerija f’kaz li ma jithallsux minnufih;

Tikkundannah ukoll ihallas l-ammont ta' mija u tlieta w tlettin liri Maltin u hamsa w ghoxrin centezmu (LM133.25c) import ta’ l-ispejjez tar-ritratti (LM117) u ta’ nofs l-ispejjes tal-perizji ta’ l-ispizjar Mario Mifsud (LM16.25) inkorsi f'dan il-process;

U inoltre tordna l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-oggetti kollha li dwarhom saru r-reati w l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli jew immobbli ohra tal-hati.

Fl-ahhar nett il-Qorti tordna d-distruzzjoni tal-oggetti kollha esebiti li jikkonsistu f'medicini perikoluzi jew oggetti relatati mall-abbuz tad-droga mill-ispizjar Mario Mifsud taht is-supervizzjoni diretta tad-Deputat Registratur ta' din il-Qorti li ghandu jirraporta lil din il-Qorti bil-miktub meta din id-distruzzjoni tkun saret ;

---------------------------------TMIEM---------------------------------